



22.4.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1395/2009 imressqa minn Dionisia Avgerinopoulou, ta' nazzjonalità Griega, dwar proġett ta' lukanda f'Zacharo (prefettura ta' Ilija) u ksur relatat tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta, li hija avukat li tirrappreżenta grupp ta' residenti f'Zacharo (prefettura ta' Ilija), żona li kienet fost dawk li l-aktar kienu affettwati min-nirien diżastrużi fil-Peloponnese f'Awwissu 2007, tilmenta li l-awtoritajiet responsabbli Griegi awtorizzaw il-kostruzzjoni ta' lukanda f'Kakovatos fil-muniċipalità ta' Zacharo, li hija mniżżla bħala żona ta' Natura 2000 fil-Greċja (GR 2330005). Il-petizzjonanta tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan mhux talli jikkostitwixxi ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa iżda jikkostitwixxi ksur ukoll tad-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. Għalhekk hija titlob lill-Parlament Ewropew biex jinterċedi mal-awtoritajiet Griegi biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tiġi infurzata u li l-proġett jitwaqqaf.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Jannar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' April 2010.

Il-petizzjoni tirreferi għall-kostruzzjoni ppjanata ta' lukanda fiż-żona ta' Kakovatos (il-muniċipalità ta' Zacharo, prefettura ta' Ilija, fil-Lbiċ tal-Greċja), fi ħdan sit tan-Natura 2000. Il-petizzjonanta targumenta li l-proġett, flimkien ma' pressjoni oħra għall-bini fiż-żona, se jagħmel ħafna ħsara lis-sit, li diġà kien affettwat bil-kbir min-nirien tal-foresta tal-2007. Hija

tqis li l-proġett ġie awtorizzat illegalment minħabba li ma twettaq l-ebda Studju Ambjentali Speċifiku għaż-żona tan-Natura 2000 skont il-leġislazzjoni nazzjonali Griega, u anqas ma twettqet stima ta' impatt skont id-Direttiva dwar il-Habitats jew dik tal-EIA. Il-petizzjonanta tirreferi wkoll għal għadd ta' ksur allegat ta' regoli nazzjonali li jirrigwardaw pjanar fiżiku u urban u ta' proċeduri amministrattivi relatati għall-għoti tal-permessi tal-bini. Konsegwentement, qiegħed jintalab li l-proġett jitwaqqaf u li tiġi investigata l-legalità tal-proċeduri segwiti.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

KWISTJONIJIET LI MA JAQGĦUX FIL-KOMPETENZA TAL-UE

Ta' min wieħed jenfasizza li l-parti l-kbira tal-ilmenti mqajma mill-petizzjonant għandhom x'jaqsmu mal-allegat ksur tal-leġislazzjoni nazzjonali (e.g. ksur tal-Kostituzzjoni Griega, ksur tal-atti nazzjonali li jirrigwardaw l-ippjanar urban, il-kwistjonijiet proċedurali li jirrigwardaw in-nuqqas ta' kompetenza) u, konsegwentement, dawn ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Komunità (taqsimiet 3, 4, 5, 7 u 8 tal-petizzjoni). Għalhekk, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda bażi li fuqha tista' tintervieni fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet.

KSUR POTENZJALI TAL-LEĠIŻLAZZJONI AMBJENTALI TAL-UE

Iż-żona ta' Kakovatos hija inkluża fis-Sit ta' Importanza Komunitarja GR2330005 "Thines kai paraliako dasos Zacharos, Limni Kaiafa, Strofylia, Kakovatos" nominata mill-Greċja għan-netwerk tan-Natura 2000 skont id-Direttiva dwar il-Habitats 92/43/KEE¹. Għalhekk, is-sit igawdi minn sistema ta' protezzjoni stabbilita skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, kwalunkwe pjan jew proġett li jista' jagħti l-każ li jkollu effett sinifikanti fuq dak is-sit tan-Natura 2000, kemm jekk ikun waħdu kif ukoll jekk ikun flimkien ma' pjanijiet u proġetti oħra, għandu jkun soġġett għal stima adegwata fir-rigward tal-oġġettivi ta' konservazzjoni tas-sit u jista' jiġi awtorizzat biss jekk jiġi żgurat li ma jaffettwax l-integrità tas-sit. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll fil-każ tal-iżvilupp tal-lukanda inkwistjoni, jekk din tal-aħħar tiġi kkunsiderata li għandha l-possibiltà li taffettwa lis-sit. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-pessjoni kbira l-oħra għall-bini fiż-żona, kif ukoll id-deterjorazzjoni kkawżata min-nirien tal-foresta.

Il-petizzjoni ma tipprovdi l-ebda prova konkreta dwar l-allegata ħsara lis-sit tan-Natura 2000 iżda tqajjem tħassib rigward l-impatt kumulattiv totali tal-pessjoni għall-bini fuq iż-żona, li bħalissa hija aktar vulnerabbli minħabba n-nirien tal-foresta.

Il-Kummissjoni tenfasizza li d-Direttiva dwar il-Habitats ma tipprojbixxix l-awtorizzazzjoni ta' proġett f'sit ta' Natura 2000 jekk ma jkunx ġie adottat u implimentat pjan ta' ġestjoni ("Studju Ambjentali Speċifiku" taħt il-leġislazzjoni Griega) għal dan is-sit. Minkejja dan, huwa mistenni li l-abbozz ta' Studju Ambjentali Speċifiku li twettaq għaż-żona, iżda li għadu ma ġie adottat, se jitqies għall-istima u l-awtorizzazzjoni ta' proġetti speċifiċi sussegwenti bħal pereżempju l-iżvilupp tat-turiżmu inkwistjoni.

¹ Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992.

Id-Direttiva 85/337/KEE¹ (kif emendata mid-Direttivi 97/11/KE², 2003/35/KE³ u 2009/31/KE⁴), li hija magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali (EIA), tapplika wkoll għall-villaġġi turistiċi u għall-kumplessi ta' lukandi lil hinn miż-żoni urbani u l-iżviluppi assoċjati (l-Anness II.12.c) u għall-proġetti ta' żvilupp urban (l-Anness II.10.b). Għal proġetti elenkati fl-Anness II, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk hemmx bżonn ta' EIA (l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva), permezz ta' eżami każ b'każ jew limiti minimi jew inkella kriterji stabbiliti mill-Istati Membri. Il-limitu minimu għall-proġetti ta' lukandi, bħal dak inkwistjoni, li se jinbnew f'żona urbana ta' anqas minn 20,000 abitant, huwa ta' 100 sodda. Konsegwentement, jidher li m'hemm l-ebda ksur tad-Direttiva EIA.

Ta' min wieħed jiftakar li, skont il-każistika tal-Qorti (eż. C-508/03), il-Kummissjoni għandha l-oneru tal-prova u għandha tindika n-nuqqas ta' Stat Membru. Sabiex turi li l-awtoritajiet nazzjonali qabżu l-limiti tad-diskrezzjoni tagħhom, il-Kummissjoni ma tistax tillimita ruħha għal dikjarazzjonijiet u suppożizzjonijiet ġenerali billi, pereżempju, sempliċiment tenfasizza li proġett jinsab f'żona verament sensittiva, mingħajr ma tippreżenta evidenza speċifika li turi li l-awtoritajiet nazzjonali konċernati għamlu żball evidenti ta' stima meta taw il-kunsens tagħhom biex isir proġett. Il-Kummissjoni għandha tforni tal-anqas xi evidenza tal-effetti li l-proġett jista' jagħti l-każ li jkollu fuq l-ambjent.

Konklużjonijiet

Il-petizzjoni ma tipprovdli l-ebda prova konkreta li turi li hemm xi ksur potenzjali tal-leġislazzjoni Komunitarja applikabbli fil-każ tal-lukanda ppjanata inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tikkuntattja lill-awtoritajiet Griegi sabiex tikseb informazzjoni fir-rigward ta' miżuri meħuda sabiex tiġi evitata d-deterjorazzjoni taż-żona tan-Natura 2000 permezz ta' attività ta' bini intensiva, inklużi l-iżviluppi tal-lukanda, filwaqt li tikkunsidra wkoll il-ħtieġa li ssir rikostruzzjoni wara n-nirien kbar tal-foresta.

¹ Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, *ĠU L 175*, 5.7.1985.

² Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, *ĠU L 73*, 14.3.1997.

³ Direttiva 2003/35/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdli għall-parteeċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteeċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE, *ĠU L 156*, 25.6.2003, p.17.

⁴ *ĠU L 140*, 5.6.09, p.114.